**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**vs**

**Damien Attard**

Cit Nru: 128/18

Illum 3 ta' Dicembru 2018

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Damien Attard,** detentur tal-karta tal-identita' numru 204299M

Akkuzat talli gewwa dawn il-gzejjer nhar il-31 ta' Awwissu 2018 u/jew fil-granet ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli kkommetta reat waqt li kien that ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr Joseph Mifsud LL.D nhar is-7 ta' Frar 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat kien tressaq taht arrest quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta, nhar it-2 ta' Settembru 2018, waqt liema seduta l-imputat wiegeb li mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex da nil-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti: Nhar il-31 ta' Awwissu 2018, Jenny Attard flimkien mas-sieheb taghha marru jaghmlu rapport fl-Ghassa tal-Qawra fejn irrappurtaw lill-imputat minhabba li kien aggressiv u kien qieghed jabbuza mid-droga. Ghalhekk zewg ufficjali tal-pulizija Ps 1026 Brendon Gauci u Pc 788 Keith Scerri marru fir-residenza fejn kien qieghed ighix l-imputat flimkien mal-kwerelanti u saret tfittxija fil-kamra fejn jorqod huwa u nstab satchel blue[1]. Meta saret tfittxija f'dan is-satchel instabu zewg pakketti suspettati grass, mizien, crusher u rizla kif ukoll ponn tal-hadid[2]. Ghaldaqstant l-imputat gie arrestat u eventwalment anki wara li rrilaxxja stqarrija, tressaq b'arrest

[1] Dok JG1
[2] Dok JG 2

jiffaccja akkuzi ta' pussess aggravat tal-pjanta cannabis, b'pussess tal-istess pjanta u li kiser ordni ta' liberta' kundizzjonata.

**Ikkunsidrat**

Illi **l-Ispettur Josef Gauci** xehed[3] li fil-31 ta' Awwissu 2018 ghall-habta tal-5:15pm dahal rapport minghand omm l-imputat Jenny Attard u Matthew Portelli li l-imputat kien qieghed ikun aggressiv u li kien qieghed jabbuza mid-droga. Fl-istess hin irrappurtaw li Damien kien ghamel xi hsarat fuq il-bieb tad-dar tal-appartament fejn joqoghdu u li kellu xi droga fil-kamra tieghu. Ps 1026 Brandon Gauci u Pc 788 Keith Scerri marru fuq il-post 'Spiteri Court', Block C, Flat 2, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar. L-imputat instab magenb il-bieb. L-ufficjali dahlu fir-residenza u saret tfittxija fil-kamra fejn jorqod l-imputat u nstab satchel blue[4]. Saret tfittxija fil-basket u nstabu zewg pakketti suspettati droga, mizien, crusher u rizla[5]. Dawn it-tlett oggetti tal-ahhar kienu fuq il-komodina tal-kamra tieghu. L-imputat gie arrestat minnufih u gie mgharraf bid-drittijiet tieghu. L-Ispettur ighid li ta struzzjonijiet sabiex is-suspettata droga tintizen fid-depot tal-pulizija fit-taqsima ta' kontra d-drogi fil-presenza tal-imputat. Irrizulta li b'kollox is-suspettata cannabis kienet tiezen 93 gramma bejn wiehed u iehor. Huwa ttiehed il-lock up u l-ghada rrilaxxja stqarrija[6] wara li ghazel jikkonsulta ma' avukat tal-ghajnuna legali Dr Joseph Ellis. L-ispettur Gauci pprezenta wkoll certifikat mediku[7] rilaxxjat minn Dr Glenn Garzia billi kellu xi griehi ta' natura hafifa peress li kien aggressiv. L-ufficjal prosekutur kompla jispjega li waqt it-tehid tal-istqarrija l-imputat stqarr mieghu li jiehu l-cannabis u li din jixtriha ghaliex ghandu l-kundizzjoni tal-ADHD. Inkwantu ghall-mizien u l-affarijiet relatati qatt ma stqarr mieghu li qieghed juzahom biex jittraffika. L-imputat ma zvelax minghand min jixtri d-droga. Stqarr mieghu li qabel kellu problema ta' kokaina imma m'ghadux.

[3] Seduta tat-13 ta' Settembru 2018
[4] Dok JG1
[5] Dok JG 2
[6] Dok JG 4 a fol 19 tal-process
[7] Dok JG 7 a fol 25 tal-process, li gie kkonfermat mill-istess Dr Garzia fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**[8] jirrizulta: illi fuq estratti mehuda mill-*buds* ta' lewn hodor li hemm fid-dokument 213_18_01 instabet is-sustanza *tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz total tal-buds kienu ta' 91.40 grammi u l-purita' ta' THC kienet ta' circa 18%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-cannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.* Inoltre' *fuq estratti mehuda minn fuq it-tracci ta' haxix ta' lewn ahdar li hemm fil-crusher u fil-mizien instabet is-sustanza tetrahydrocannabinol (THC).*

L-istess espert f'rapport sussegwenti tieghu[9] rrapporta li skont il-Malta Country Drug Report 2017 tal-EMCDDA il-valur tad-droga cannabis herb huwa ta' bejn €10 u €28 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' 91.40g x €10 - €914 sa 91.40g x €28 - €2,559.20.

**Jenny Attard,** omm l-imputat, xehdet li fil-31 ta' Awwissu 2018 marret l-ghassa tirrapporta lil binha ghaliex kisrilha l-bieb ta' barra tar-residenza taghha. Hija tghid li l-argumenti bejniethom kienu ilhom ghaddejjin. Dejjem ighajjarha u jheddidha li jekk tmurlu l-ghassa jkisrilha d-dar u jidhol il-habs minn fuqha. F'dan l-appartament ighixu wkoll it-tlett hutu u s-sieheb taghha. Hija hekk irrappurtat. Imbaghad marru l-pulizija u sabulu sigarett f'halqu u ashtray mimlija bil-haxixa. B'hekk wettqu tfittxija fil-kamra tieghu pero' t-tfittxija ma saritx quddiemha. L-ufficjali dahlu lilu fil-kamra u ghalqu l-bieb. Safejn taf hija nstabet id-droga u dan tafu ghaliex qalulha l-pulizija. Tghid li r-relazzjoni taghha ma' binha mhux daqstant tajba u hija mhiex lesta zzommu jghix maghha. Qalet li x'hin sabulu d-droga, gie mmanetjat u anke pprova jiehu rankatura ghaliha u zammu l-pulizija u ghamlu mal-art u mmanettjah. Huwa u jigi arrestat tghid li l-imputat kien agitat. Hija kkonfermat li l-imputat ghandu problema tad-droga u hija ppruvat tiftahlu ghajnejh izda qalilha li huwa m akellux bzonn ghajnuna izda kien jehtieglu jara tabib. In kontro-ezami qalet li l-problema tal-haxixa ilu biha. Xehdet ukoll li l-imputat jorqod fl-istess kamra ma' huh ta' 21 sena. Hija ma jidhrilhix li huwa jbati minn xi kundizzjoni izda tghid li mill-iskola kien jahrab.

**Pc 788 Keith Scerri** xehed[10] li fil-31 ta' Awwissu 2018 ghall-habta tal-5:15p.m Jenny Attard u Matthew Portelli marru jirrappurtaw l-ghassa

[8] Dok GS a fol 33 tal-process
[9] Dok GS 1
[10] Seduta tas-26 ta' Settembru 2018

tal-Qawra biex jirrapportaw li fl-ahhar jiem Damien Attard kien qieghed ikun aggressiv tant li dakinhar kien sgassa l-bieb tal-appartament taghhom. Waqt li kienu l-ghassa stqarrew ukoll li l-imputat kien qieghed jaghmel uzu minn droga. Ghalhekk huwa flimkien ma' Ps 1026 marru fl-appartament taghhom fejn setghu jaraw il-bieb sgassat u kif dahlu gewwa sabu lil Damien Attard jilghab il-playstation fl-intrata tal-appartament. Magenb it-televixin kien hemm ashtray b'sigarett imrembel li ta suspett li ma kienx hemm sigarett normali. B'hekk l-imputat gie avzat li ser issir tfittxija fuq suspett tad-droga fil-kamra tieghu u dan sar fil-presenza tieghu. Damien Attard mill-ewwel qalilhom li dak li kienu qeghdin ifittxu kien go basket. It-tfittxija bdiet minn hemmhekk u nstabu *diversi pakketti b'sustanza suspettata ta' haxixa, mizien u anke boroz imqattghin zghar sabiex tigi ppakkjata go fiha din is-sustanza.* Id-droga kienet go basket iswed fil-kamra tas-sodda tal-imputat f'borza t'ammont sostanzjali u boroz ohrajn zghar b'ammont izghar li gieghlhom jissuspettaw li kienu lesti biex jigu mibjughin. Apparti dawn il-boroz sabu wkoll crusher, mizien, ponn tal-hadid u boroz imqattghin u boroz zghar li kienu ghadhom vojta. Huma komplew bit-tfittxija fil-kamra izda ma sabu xejn aktar. Dak il-hin eskortaw lil Damien Attard gewwa l-ghassa tal-Qawra. Inkwantu ghall-arrest, ix-xhud spjega li kif l-imputat gie infurmat li kienet se ssir it-tfittxija u l-arrest l-imputat sar aggressiv izda fil-konfront ta' Matthew Portelli li kien qieghed ukoll fil-kamra. L-imputat ma tahomx idejh u ghalhekk kellhom inizluh mal-art u zammewh naqra mal-art sakemm ikkalma. Hekk kif Damien u Matthew ma baqghux f'kuntatt ma' xulxin, l-imputat ikkollabora totalment. Waqt it-tfittxija kien hemm ukoll prezenti Ps 1026 u membru tal-RIU minhabba li ftit qabel l-imputat kien aggressiv. Imbaghad l-imputat ittiehed l-ghassa u gie nfurmat l-Ispettur. L-imputat gie eskortat id-depot sabiex is-sustanza tintizen fil-presenza tal-istess imputat u minn hemm ghal-lock up u ttiehed ukoll ic-centru tas-Sahha tal-Furjana. In kontro-ezami qal li fil-kamra fejn saret it-tfittxija kien hemm biss sodda wahda. Meta dahlu fid-dar kien hemm l-imputat flimkien ma' hutu izghar minnu. Is-**Surgent 1026 Brandon Gauci** xehed[11] fuq l-istess binarju.

[11] Seduta tal-4 ta' Ottubru 2018

**Matthew Portelli** xehed[12] li fil-31 ta' Awwissu 2018 wara nofsinhar kien qiegħed il-garaxx u nizel wiehed Martin li joqghod fl-istess blokka jghidlu li t-tifel kien qieghed isabbat mal-bieb biex jidhol. B'hekk ommu u huwa marru jaghmlu rapport l-ghassa. Ir-relazzjoni tieghu mal-imputat hija wahda normali izda l-imputat kellu problema ghaliex kien ipejjep xi joint u kien ighidlu biex ma jpejjipx hdejh ghaliex ix-xhud kien taht probation. Meta l-ufficjali dahlu fid-dar sabuh bis-sigarett f'halqu u ghamlulu tfittxija fil-kamra. Il-kamra jaghmlu uzu minnha l-imputat u huh il-kbir. Meta l-pulizija hargu mill-kamra, l-imputat kien taht arrest u kellhom basket tal-iskola kulur maroon jew kannella skur. Jaf li l-imputat ipejjep il-haxixa. In kontro-ezami qal li l-imputat m'ilux tlett snin bil-problema.

L-**imputat** fl-istqarrija rilaxxjata minnu[13] ighid li huwa kien qieghed joqghod flimkien ma' ommu, l-gharus taghha u tlett hutu. Huwa qal li kien qieghed jahdem sa recentement. Huwa kkonferma li s-satchel il-blu huwa tieghu u anki l-haxixa li kienet fih li kienet tizen madwar 90 gramma. Huwa qal li ghandu chronic pain, ADHD, u juzaha minhabba l-ansjeta'. Din tghinu biex izomm lura mit-tentazzjoni u milli joqghod jikkumiedja kif kien jaghmel qabel ossija li jaghmel uzu mill-kokajina. Qal li kien anki tela' l-Ingilterra biex jibda hajja gdida. Muri l-evidence bag M 00114353 huwa kkonferma li kien fih il-cannabis li hija tieghu. Spjega li r-rizla gol-istess evidence bag juzahom biex ipejjep bihom. Ikkonferma li l-oggetti kollha fl-evidence bag M 00104800 huma kollha tieghu inkluz ghalhekk il-mizien. Huwa spjega li dan juzah sabiex jassigura li minghand min jixtri jkun qieghed jaghtih l-ammont li hallas ghalih. Xtara dak l-ammont ghax tigih irhas u ma jaffordjax jixtri wahda wahda. Qal ukoll li qieghed igemma' biex jitla' l-Ingilterra. Il-crusher kien juzaha biex ifarrakha u jpejjipha. Inkwantu ghall-boroz bil-kantunieri maqtughin li kienu mifruxin fuq is-sodda tal-kamra tieghu l-imputat qal li dawk kienu gol-basket u kien juzahom ghalih. Huwa cahad li qatt biegh il-haxixa ghaliex din huwa ghandu bzonnha biex ipejjipha huwa ghaliex altrimenti jkun mugugh. Qal li ilu jixtri u jpejjep il-haxixa ghal madwar hames snin. Qal li bl-ammont li nstablu ma jaghmilx aktar minn hmistax bihom ghaliex ipejjep tmienja kuljum.

[12] Seduta tas-26 ta' Settembru 2018
[13] Dok JG 4 a fol 19 tal-process

L-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri[14] fejn bazikament irrepeta dak li kien qal fl-istqarrija. Huwa qal li meta l-pulizija dahlu fid-dar qalulu li kienu se jaghmlu tfittxija u huwa kkopera maghhom u qalilhom kollox fejn kien. Spjega li gol-basket kellha l-mizien li kien juza biex jara li dak li kien igib minghand min xtara kien itih l-ammont li kien ihallsu tieghu li kien €250 ghal 100 gramma. Ighid li fil-basket kellu wkoll il-boroz u l-haxixa kienet imqasma fi tlieta – wahda ta' xi 70g li kien jiehu minnha u wahda kellha xi 8 grammi li ghamilha ghall-weekend u z-zghar kien jaqbad 4 minnhom matul il-gimgha. Huwa kien johrog kuljum ghax kien imdejjaq id-dar. 100 gramma kienu jservuh himstax-il gurnata ghaliex lanqas tabakk ma kien ipejjep. Kienet izzommu 'l boghod mill-kokaina u tghinu wkol minhabba l-kundizzjoni tieghu. Fuqu sabulu €40 li ghadda bihom il-habs u sab lil zija tieghu tghinu. Huwa qal li jaf li zbalja u li din mhux triqtu u jixtieq li jinghata cans. Qal ukoll li kien jahdem.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel Zewgt Imputazzjonijiet</u>**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**[15] gie ritenut

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss). Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed. (Ara App.Krim. Il-Puliija vs Carmel Degiorgio" 26.8.1988) Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati ( Ara Appell. Kriminali; "Il-pulizija vs Carmel Spiteri" 2.9.1999)*

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif presjeduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar*

[14] Seduta tal-20 ta' Novembru 2018
[15] App Krim. 12/05/2005

*mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecje li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi hard and fast rule x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-bon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App.Krim. Il-Pulizija vs Brian Caruana 23.5.2002)".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Jonathan Mifsud'**[16] ġie kkunsidrat li:

*'Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis- sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Mohammed Ben Hassen Trabelsi*** *tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata:*

***"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l- prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l- ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."***

Illi dwar l-oneru tal-prova meħtieġa sabiex tirnexxi imputazzjoni ta' pussess aggravat, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Norbert Ciappara) vs Jeffrey Sammut**[17] fejn kien ġie kkunsidrat li:

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali Numru. 173/2010)

[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Settembru, 2005 (Appell Kriminali Numru: 167/2005)

*'Illi dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-oneru tal- prova, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal- appellant li hija w tibqa' dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni jew bi provi diretti jew bi provi indizjarji li l-pussess tad- droga jkun taht cirkostanzi tali li jindikaw li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat. Pero' "in all fairness" l-Ewwel Qorti ma marritx kontra dan il-principju f' dak li qalet. Di fatti l-Ewwel Qorti ma qalitx dak li jinghid fir-rikors tal-appell u cioe' "li l-akkuzat ma rmexxilux jipprova li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu". Li qalet l-Ewwel Qorti, wara li ccitat diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati biex tipprova tislet xi kriterji li ghandhom iservu ta' gwida lil Qrati biex ikunu jistghu jiddistingwu bejn pussess semplici w pussess aggravat, kien testwalment dan :- "Din il-Qorti hi tal- fehma li l-imputat ma ppruvax id-difiza tieghu fuq bazi ta' probabbilta'." U ziedet tghid : "Din il-Qorti qed tqis li l-ammont ta' droga, l-ammont ta' qratas (ghoxrin) it- tqassim matematiku preciz taghhom u s-sejba ta' aktar qratas vojta fil-karozza u ta' erbghin lira Maltiija f' idejn l-imputat, meta dan lanqas kellu job tajjeb jew li jassigura dhul ragonevoli, u li l-flus instabu meta l- imputat kien ghadu kif nefaq somma konsiderevoli l- jum ta' qabel, jammontaw ghal cirkostanzi ta' pussess aggravat."*

*F' dan kollu l-Ewwel Qorti kienet qed tghid li meta l- Prosekuzzjoni ppruvat dawn ic-cirkostanzi kollha, hija kienet sodisfatta sal-grad ta' prova li trid il-ligi li kien gie pruvat li l-pussess ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu. Umbaghad qalet ukoll li, wara li ezaminat il-linja difensjonali w l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellant ghal dawk ic-cirkostanzi, l-appellant ma ssodisfahiex lanqas sal-grad tal-probabbli. Dan l-Ewwel Qorti kellha dritt tghidu kif qalitu w ma hemm ebda spropozitu legali jew inversjoni tal-prova la esplicita w lanqas implicita f' dak li qalet. '*

Illi mehud dan kollu in kunsiderazzjoni u mill-assjem tal-provi prodotti m'hemm l-ebda dubju li dakinhar tal-31 ta' Awwissu 2018 fil-kamra tal-imputat instabu 91.40 gramma ta' haxixa tal-cannabis ta' purita' ta' 18%. L-imputat innifsu qatt ma kkontesta dan bl-ebda mod, anzi sa mill-bidunett irrikonoxxa u ammetta li d-droga kienet tieghu. Dak li hemm in kontestazzjoni f'dan il-kaz huwa jekk dan l-ammont kollu ta' droga kienx ghall-uzu personali tal-imputat kif qieghed isostni huwa u kif dejjem sostna, jew altrimenti kif inhi t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-ammont tad-droga, l-oggetti li nstabu maghha u c-cirkostanzi tal-kaz kollox iwassal ghal-konkluzjoni li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien l-imputat stess li qal lill-ufficjali tal-pulizija li kienu qeghdin iwettqu t-tfittxija fejn kienu se jsibu d-droga. Fil-fatt din instabet f'basket blu fuq is-sodda. Go dan il-basket kien hemm borza mdaqsa li wara li giet mghoddija lill-ispizjar Godwin Sammut u inghatat kodici ta' laboratorju 213_18_01 (borza) jirrizulta s-sustanza kienet tizen 61.15g. Kien hemm ukoll borza izghar li fiha kien hemm 14-il qartas tal-plastik li fihom kien hemm ukoll buds ta' lew hadrani li rrizultaw li kienu wkoll haxixa. Mir-rapport tal-espert xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li dawn l-erbatax-il qartas kien hemm wiehed minnhom b'kodici tal-laboratorju 213_18_01 (qartas 01) kien jizen 14.67g. Qartas 02 bl-istess kodici ta' laboratorju kien jizen 3.80g. Il-qratas l-ohrajn bhala piz kienu jvarjaw minn 0.92g sa 1.08g. Instabu wkoll boroz bil-kantunieri maqtughin mifruxin fuq is-sodda fejn kien hemm il-basket. Instabu wkoll crusher 'gold' u mizien digitali fuq il-gradenza fil-kamra tas-sodda u rizla. Kemm fuq il-crusher kif ukoll fil-mizien instabet is-sustanza THC.

Irrizulta wkoll li hekk kif l-ufficjali tal-pulizija dahlu fir-residenza ndunaw li hdejn l-imputat kien hemm ashtray b'sigarett imrembel li skont PC 788 Keith Scerri kien jidher suspettuz. La s-sigarett u lanqas l-ashtray ma gew elevati. Irid ukoll jigi rilevat li fl-istqarrija jissemma li gie elevat apple iphone minghand l-imputat biss pero' l-ebda mowbajl ma gie ezebit f'dawn il-proceduri sabiex issir data extraction fuq l-istess.

Il-Qorti tqis li ma jirrizultax soddisfacentement ippruvat illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx ghall-uzu personali tieghu. Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-imputat u tinnota l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda. Ix-xhieda tieghu tirrifletti dak li huwa stqarr sa mill-bidunett anki fl-istqarrija tieghu. Il-Qorti jidhrilha li l-imputat kien qieghed ighid il-verita'. M'hemmx dubju li l-imputat kien jaghmel uzu sostanzjali mill-cannabis kuljum u ilu jaghmel hekk madwar hames snin. Ighid li l-ewwel darba meta pejjep il-haxixa kien meta kellu tnax-il sena. Ghalhekk abbazi ta' dan ix-xhieda tal-imputat hija kredibbli u verosimili u dan anki tenut kont tal-fatt li huwa nstab id-dar ipejjep l-istess haxixa, u l-kumplament tas-sustanza spjega pjuttost bi precizjoni kif kienet imqassma u x'kien se jaghmel biha hekk kif diga' gie indikat aktar 'il fuq. L-imputat isostni li huwa jiehu madwar tmienja kuljum u dan biex itaffi l-ugigh u jitbieghed mill-kokajina. Inoltre' l-imputat jistqarr li d-dar kien imdejjaq u kien johrog kuljum u ghalhekk kien ipejjep aktar. D'altronde' anke fix-xhieda

taghhom kemm Jenny Attard kif ukoll Matthew Portelli ighidu li l-imputat ilu hafna bil-problema li jpejjep il-haxixa. Ghalhekk il-Qorti, nonostante li nstabu oggetti ohra bhal mizien u boroz li kienu bil-kantuniera mqattghin (kemm ezatt kien hemm ma jirrizultax) tqis li l-imputat wera sal-grad tal-probabbli, li dan l-ammont kien intiz esklussivament ghalih.

Ghaldaqstant il-Qorti mhux se ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda se ssibu hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

## It-Tielet Imputazzjoni

L-imputat jinsab akkuzat li huwa kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata. L-Ufficjal Prosekutur esebixxa vera kopja ta' sentenza[18] moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Damien Attard** deciza fis-7 ta' Frar 2018. IL-karta tal-identita' f'dik is-sentenza hija identika ghal dik tal-imputat odjern. Ghalhekk m'hemmx dubju li si tratta tal-imputat. F'dik is-sentenza l-imputat kien ammetta li kien ikkommetta r-reat ta' ricettazzjoni u l-Qorti kienet illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena.

Tenut kont tal-fatt li l-imputat qieghed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni u r-reat twettaq fil-31 ta' Awwissu 2018 w allura fil-perjodu operattiv tas-sentenza, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li titratta mal-imputat ghal din is-sentenza.

L-imputat instab hati ta' ricettazzjoni. Fl-istess sentenza m'hemm l-ebda indikazzjoni tal-valur tal-oggetti li kienu mertu ta' dawk il-proceduri. Dan naturalment huwa ta' relevanza minhabba l-piena hekk kif ravvizat fl-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali. Billi m'hemmx dettalji ohra fis-sentenza l-Qorti se tapplika l-piena stabilita ghal serq semplici fit-termini tal-artikolu 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis li mehud in kunsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ftit aktar minn 6 xhur wara li inghata l-liberta' kundizzjonata huwa kkommetta reat ghandu jinghata piena ta' prigunerija effettiva li tqarreb aktar lejn il-

[18] Dok JG 8 a fol 81 tal-process

massimu milli lejn il-minimu u ghalhekk l-imputat se jigi kkundannat ghal hames (5) xhur prigunerija.

**Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata, il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat kif aggornata sal-1 ta' Settembru 2018, mil-liema jirrizulta li l-imputat diga' instab hati f'zewg okkazzjonijiet separati ossija fil-15 ta' Frar 2017 u fis-7 ta' Frar 2018 fejn instab hati ta' serq u tal-kontravenzjoni fit-termini tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 lejn fl-ewwel sentenza u instab hati ta' ricettazzjoni fit-tieni sentenza. Fiz-zewg istanzi gie applikat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qeghda tiehu wkoll in kunsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija u li huwa jammetti li zbalja u jixtieq li jinghata cans ghaliex jirrikonoxxi li mhux triqtu. L-imputat baqa' taht arrest waqt dawn il-proceduri. Din il-Qorti tqis li l-imputat ghandu bzonn hafna ghajnuna mhux biss sabiex jibda jahdem bis-serjeta' fuq il-vizzju li ghandu, izda wkoll ghandu bzonn li jsib impjieg fiss u fuq kollox saqaf taht rasu. L-imputat isostni li huwa jbati mill-kundizzjoni tal-ADHD u jbati minn ugigh kroniku w ghalhekk jaghmel uzu mill-cannabis. Biss l-imputat irid jifhem li d-droga mhiex is-soluzzjoni ghall-problemi li kellu u ghadu qed jiffaccja u li jekk verament irid hajja ahjar jehtieglu li jibda bil-fatti u mhux biss bil-kliem jibda t-triq biex verament ibiddel hajtu.

Ikkunsidrat ukoll mill-banda l-ohra, l-ammont ta' cannabis misjub fil-pussess tal-imputat, liema ammont certament ma kienx wiehed insinjifikanti.

Fid-dawl ta' dan kollu tqis li inkwantu ghat-tieni imputazzjoni ghandha tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation u taht ordni ta' trattament.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikolu 23 tal-

Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u inkwantu ghat-tieni imputazzjoni qeghda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin millum, skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' hames mija u hamsin ewro (€550), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahrejn millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u regghet rat l-artikoli 334(a), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda titratta ma' Damien Attard ghar-reat li tieghu instab hati fis-7 ta' Frar 2018 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u filwaqt li tikkonferma is-sejbien ta' htija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-hati ghal zmien tlett snin bil-ghan li jeghleb il-vizzju tad-droga u jattendi sessjonijiet ghal ghajnuna psikologika u okkorrendo ghajnuna psikjatrika skont kif jiddeciedu l-professjonisti.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €292.45 rapprezentanti hlas tal-espert nominat l-Ispizjar Godwin Sammut. Tali spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti l-ohra ezebiti, Dokumenti JG 1 u JG 2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi

nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk huwa ma jobdix id-direzzjonijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation u professjonisti ohra fi hdan l-istess ufficcju.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**